MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2012

Numru 658/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**James Demanuele**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ James Demanuele bin Felix u Rose neè Camilleri, imwieled il-Pietà fl-4 ta’ April 1974 u residenti 9, Schembri Flats, Triq San Edwardu, Birzebbugia, detentur tal-Karta ta’ l-Identità bin-Numru 235374(M), talli:

1. Nhar it-12 ta’ Lulju 2008, ghall-habta ta’ 20:45hrs gewwa Triq La Sengle, Marsascala, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè ghamel hsara f’nuccali, liema

hsara hija aktar minn €116.47 (ekwivalenti ghal Lm50) ghad-dannu ta' Carmel Felice, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 265149(M), u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Carmel Felice, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 265149(M) u kkagunalu griehi ta' natura hafifa skond ma iccertifika t-Tabib Dr. M.J. Balzan;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lil Helen Maria Felice bi kliem;

5. Kiser il-provvedimenti imposti fuqu b'sentenza datata 11 ta' Settembru 2007 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fejn gie misjub hati ta' reat u tqieghed taht garanzija ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta b'obbligazzjoni li ma jdejjaqx u ma jimmolestax lil Helen Maria Felice ghal zmien sena mid-data tas-sentenza; u

6. Irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49,50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat illi l-Prosekuzzjoni titlob lill-Qorti sabiex: (i) f'kaz ta' sejbien ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) f'kaz ta' sejbien ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-persuni indikati fl-akkuzi; u sabiex (iii) tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(C) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, k emm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa;

Rat li ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz ta' l-akkuzat jigi trattat bi procedura sommarja[1] u rat li l-akkuzat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u li sa' dak l-istadju tal-

---

[1] Dok. "FB3" a fol. 22 tal-process.

proceduri – 2 ta’ Settembru 2008 – wiegeb li mhux hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu[2];

Rat illi waqt is-seduta tad-19 ta’ Jannar 2012, il-Prosekuzzjoni u l-akkuzat ezentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terga’ tisma’ x-xhieda prodotti sa’ dak l-istadju tal-proceduri u milli jergghu jigu prodotti l-provi mill-gdid, u li l-akkuzat irregistra ammissjoni ta’ htija ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Rat u ikkunsidrat ix-xhieda moghtija mill-Ispettur Fabian Fleri waqt is-seduti tat-2 ta’ Settembru 2008[3], tal-25 ta’ Novembru 2008[4] u tat-23 ta’ Gunju 2010[5] u rat id-dokumenti minnu esebiti u markati Dok. “FB1” sa’ Dok. “FB3” a fol. 5 sa’ 22 tal-process, Dok. “FB4” sa’ Dok. “FB9” a fol. 27 sa’ 53 tal-process, Dok. “SNP1” a fol. 65 tal-process u Dok. “BFP1” a fol. 97 sa’ 99 tal-process, ix-xhieda moghtija minn PS 192 Ramon Godano waqt is-seduta tat-2 ta’ Settembru 2008[6] u rat id-dokument minnu esebit u markat Dok. “RG1” a fol. 56 u 57 tal-process, ix-xhieda moghtija minn Carmel Felice waqt is-seduti tat-2 ta’ Settembru 2008[7] u tal-25 ta’ Novembru 2008[8], ix-xhieda moghtija minn Helena Maria Felice waqt is-seduta tal-25 ta’ Novembru 2008[9], ix-xhieda moghtija minn PC 654 Elton Bondin waqt is-seduta tal-25 ta’ Novembru 2008[10], ix-xhieda moghtija minn Anton Scicluna waqt is-seduta tal-25 ta’ Novembru 2008[11], ix-xhieda moghtija mit-Tabib Dr. Michael John Zammit waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ Frar 2009[12], ix-xhieda moghtija mill-Ispettur Anzjan Anthony Cassar waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ Frar 2009[13], ix-xhieda moghtija minn Wendy Mifsud waqt is-seduta ta’ l-14 ta’ Ottubru 2009[14], ix-xhieda moghtija minn Anthony

---

2 Ezami ta’ l-akkuzat tat-2 ta’ Settembru 2008 a fol. 23 tal-process.
3 Fol. 24 sa’ 26 tal-process.
4 Fol. 63 tal-process.
5 Fol. 100 u 101 tal-process.
6 Fol. 54 u 55 tal-process.
7 Fol. 58 sa’ 60 tal-process.
8 Fol. 66 u 67 tal-process.
9 Fol. 68 u 69 tal-process.
10 Fol. 70 u 71 tal-process.
11 Fol. 72 u 73 tal-process.
12 Fol. 76 u 77 tal-process.
13 Fol. 78 u 79 tal-process.
14 Fol. 83 u 84 tal-process.

Dimech waqt is-seduta ta’ l-20 ta’ Jannar 2010[15] u x-xhieda moghtija mill-akkuzat waqt is-seduta tas-6 ta’ Ottubru 2010[16];

Rat illi waqt is-seduta tad-19 ta’ Jannar 2012 l-akkuzat, wara li rregistra ammissjoni ta’ htija ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, talab li l-kaz jithalla ghas-sentenza minghajr il-htiega ta’ trattazzjoni dwar il-piena u li l-Prosekuzzjoni rtirat it-talba sabiex f’kaz ta’ sejbien ta’ htija l-akkuzat jigi kkundannat ihallas l-ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti f’dawn il-proceduri kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dana peress illi f’dan il-kaz ma kienx hemm in-nomina ta’ esperti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Bl-ammissjoni ta’ htija ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu rregistrata mill-akkuzat waqt is-seduta tad-19 ta’ Jannar 2012, il-Qorti ghandha ssib lill-akkuzat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu. In verità, il-htija ta’ l-akkuzat ghar-reati lilu addebitati tirrizulta b’mod car mill-provi li tressqu quddiem il-Qorti sa’ dakinhar li huwa rregistra l-ammissjoni ta’ htija tieghu, b’dana li tali ammissjoni tieghu effettivament hija konferma ta’ dak li jirrizulta mill-provi.

Il-vittimi Carmel Felice u Helena Maria Felice xehdu dwar dak li gara dakinhar tat-12 ta’ Lulju 2008 ghall-habta ta’ 20:45hrs fi Triq La Sengle, Marsascala[17]: Carmel Felice dwar l-aggressjoni da parte ta’ l-akkuzat u theddid fil-konfront ta’ bintu Helena Maria Felice, u l-istess Helena Maria Felice dwar it-theddid dirett lejha mill-akkuzat.

Carmel Felice xehed illi *nghid illi kienet il-gurnata tas-Sibt 12 ta’ Lulju tas-sena kurrenti 2008 ghall-habta ta’ xi d-*

---

15 Fol. 87 u 88 tal-process.
16 Fol. 103 sa’ 107 tal-process.
17 Xhieda ta’ Carmel Felice moghtija waqt is-seduti tat-2 ta’ Settembru 2008 u tal-25 ta’ Novembru 2008, rispettivament a fol. 58 sa’ 60 u 68 u 67 tal-process.

*disgha neqes kwart, disgha ta' filghaxija jiena kont ghadni kif wasalt fir-residenza tieghi ghaliex jiena kont ghadni gej mill-Quddies. Ir-residenza tieghi hija numru 27 Triq La Sengle, Marsascala. Jiena dhalt id-dar u dhalt niekol xi haga. Hrigt barra biex inpejjep sigarett. Daqqa u l-hin nilmah karozza quddiemi, waqfet hemm. U nghid illi f'daqqa wahda nara lil James Demanuele li qed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla u dana staqsieni fejnha t-tifla. U dana b'referenza ghal binti. U jiena bil-kelma t-tajba lill-imputat ghidtlu ibqa' miexi James. Dak il-hin l-imputat kien ghadu qieghed gewwa l-karozza. Dana kellimni tnejn hazin. Irrisponda imbaghad qalli "Issa nitlaq". U jien ghidtlu "kompli miexi". Nghid illi imbaghad dan James Demanuele lili rrispondieni b'ton oxxen u qalli li kien ser jitlaq però imbaghad qalli bi kliem oxxen forma ta' theddida fil-konfront ta' binti. Imbaghad l-imputat nizel mill-karozza tieghu. Huwa dawwar rasu w imbaghad dar u minn wara gie quddiem il-karozza u hu laghbli daqqa ta' ponn fuq in-naha ta' wicci vicin naghsi fuq in-naha tax-xellug ta' wicci. Jiena dak il-hin kont liebes in-nuccali. Jien bid-daqqa spiccajt waqajt ma' l-art. Bdejt infittex in-nuccali, u nghid li dak il-hin kien diga dalam bdejt infittex b'idi n-nuccali. Sibt in-nuccali, qbadtu, sibt li l-hgieg tan-nuccali kien kollu migruf u nghid illi l-widnejn tan-nuccali kienu mghawgin. Nghid jiena imbaghad wara li gbart in-nuccali qomt u nnutajt illi lil James Demanuele ma rajtux izjed hemm. … Jiena imbaghad l-ghada kont mort ghand it-tabib tieghi. Qed nigi muri d-dokument dok FB4 –* certifikat mediku mahrug mit-Tabib M.J. Balzan - *nghid nikkonferma li dak huwa c-certifikat mediku li rrilaxxali t-tabib tieghi. Qed nigi muri dok FB5 rigwardanti hsarat fin-nuccali nghid illi peress illi in-nuccali li kelli ma setax jissewwa ghaliex kien hemm il-hgieg migruf jiena kelli naghmlu mill-gdid u nikkonferma li l-ammont li hallast huwa ta' mija u hamsin Euro kif jidher fl-istess dokument.*

Helena Maria Felice xehdet illi *fid-data tat-tnax (12) ta' Lulju elfejn u tmienja (2008), jien kont qieghda d-dar. Kont qieghda gewwa, kont diehla ninhasel. Nghid hin minnhom nisma hoss kbir qisu xi karozza habtet. Nghid dan ghal habta ta' xi qisu d-disgha neqes kwart (8:45), id-disgha (9:00) ta' filghaxija. Il-hoss li smajt kien qisu hoss ta' xi*

*habta ta' karozza. Jiena hrigt nigri mill-kamra tal-banju u smajt lil missieri jghajjat, beda jghajjat: "cempel il-Pulizija Elena." Jien dak il-hin ukoll smajt lil James Demanuele, li qed ngharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla, li dan smajtu jghid lill-missieri, dana b'referenza ghalija qallu u dan b'mod oxxen, kien fis-sens b'referenza ghalija huwa kien ser joqtolni. Imbaghad beda jghajjat minn barra, b'referenza ghalija s-segwenti kliem, hu beda jghid il-kliem "jien hawn qieghed ejja hawn barra halli noqtlok".*

Il-Qorti tqis ix-xhieda ta' Carmel Felice u ta' Helena Maria Felice ferm kredibbli u li korrettament tirrifletti dak li gara fit-12 ta' Lulju 2008, u dana billi dak minnhom affermat jirrizulta ikkonfermat bi provi ohra oltre x-xhieda taghhom. Apparte minn hekk, ix-xhieda li ta l-akkuzat waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2010 – meta kien ghadu qed jichad l-involviment tieghu f'dak li gara fit-12 ta' Lulju 2008 – kontra dak affermat minn Carmel Felice u Helena Maria Felice, ma hijiex affattu konvincenti u bl-ebda mod ma tqieghed fid-dubju l-htija tieghu ghall-akkadut.

In sua difesa l-akkuzat allega, fost affarijiet ohra, li dakinhar tat-12 ta' Lulju 2008 ghall-habta tad-8:45p.m., hu kien qieghed id-dar tieghu u mhux Marsascala, fatt dan li skont hu seta' jigi kkonfermat minn persuna li kien qed jghix ghandu dak iz-zmien. Madanakollu però u stranament, l-akkuzat ma setax jiftakar x'jismu dan il-persuna ghad illi jirrizulta li fdalu c-cwievet tad-dar tieghu.

F'dali rigward l-akkuzat xehed illi *fit-12 ta' Lulju 2008 jiena kont irrinkazajt u nghid li jiena kienu xil-5:30p.m. jew s-5:45p.m. li jiena dhalt id-dar dakinhar. Imbaghad hrigt mid-dar 'l ghada filghodu. Nghid li ghal certu hinijiet dak il-lejl fid-dar fejn kont qieghed jien kien nghid illi dana kellu c-cavetta tieghi ghax kien iggieled mat-tfajla tieghu però nghid dana l-persuna insejt x'jismu. Dana nghid li kont nafu l-Birgu però kellu xi jghid mat-tfajla u tajtu c-cavetta biex joghqod ghandi però imsu nsejtu. Lanqas il-laqam tieghu ma naf, naf li dan ma kienx jahdem. Nghid jiena fil-fatt kien xi gimgha qabel jew hamest ijiem qabel it-12 ta' Lulju 2008 li dan ir-ragel kien talabni c-cavetta u jiena peress li c-cavetta qieghda wkoll ghand is-sid, ghandu*

*wkoll cavetta r-ragel t'ohti ma rajtx problema li nghaddilu cavetta tad-dar ukoll u peress li mid-dar tieghi ma hemmx x'tiehu ma rajtx problema li dan intih ukoll cavetta. Nghid illi jien dak il-lejl tat-12 ta' Lulju 2008 bhala stat ta' fatt ma rajtx lil dan ir-ragel id-dar però jiena nippresumi li kien dahal ghaliex filghodu innutajt illi dan kien ha xi shower ghaliex rajt it-tibdil tal-hwejjeg u nnutajt ukoll li kien hemm it-tè. Nixtieq nghid li jiena meta kien interrogani l-Ispettur Fabian Fleri, jiena kont tajtu n-numru tat-telecell ta' dana l-persuna. …Nghid illi fil-fatt li gara kien illi meta l-Ispettur Fleri kien qieghed jivvizjona l-mobile tieghi u jiccekkja n-numri li kien hemm fuqu saqsieni ta' min kien dan ic-certu numru u jien ghedtlu li kien ta' dan ir-ragel li jiena kont sliftlu c-cavetta. … Nikkonferma li jiena l-Ispettur Fabian Fleri kien hadli stqarrija rigwardanti dan l-incident tat-12 ta' Lulju 2008. Nikkonferma wkoll li jiena kull meta hadli stqarrija l-Ispettur Fabian Fleri dan ghamilili fil-presenza ta' membru iehor tal-Korp tal-Pulizija. Qieghed nigi mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur 'il ghala fl-istqarrija tieghi li tinsab fl-atti ta' din il-kawza esebita bhala FB 6 'il ghala jiena mkien ma naghmel l-ebda referenza ghal dan ir-ragel li skond jiena kont tajtu c-cavetta u li skond jiena kien dakinhar tat-12 ta' Lulju 2008, kien gie xi hin fid-dar tieghi, nghid illi jiena lill-Ispettur fuq dan ir-ragel kont semmejtlu dwaru wara li hu kien ra n-numru u jien ghedtlu wkoll li jekk irid seta' jcempillu lil dan ir-ragel*[18].

Indipendentement mill-ammissjoni ta' htija orami rregistrata mill-akkuzat, dak minnu allegat in ezami u kontro-ezami waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2010 ma jistax jigi kkunsidrat bhala veritjier ghaliex huwa ghal kollox inverosimili li ma setax jiftakar l-isem ta' l-unika persuna li setghet forsi b'xi mod tiskolpah mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu jew ghall-inqas johloq dubju ragonevoli dwar il-htija tieghu ghar-reati addebitati lilu.

Apparte mill-inverosimiljanza tax-xhieda ta' l-akkuzat, kif già osservat il-griehi sofferti minn Carmel Felice b'konsegwenza ta' l-aggressjoni da parte ta' l-akkuzat, li kienu griehi ta' natura hafifa, gew debitament ikkonfermati

---

[18] Fol. 103 sa' 107 tal-process.

mit-Tabib Michael John Balzan li rrilaxxja certifikat mediku fl-14 ta' Lulju 2008[19]. It-Tabib Balzan ikkonferma bil-gurament ic-certifikat mediku minnu rilaxxjat u stqarr li l-griehi li ra fuq Carmel Felice kienu kompatibbli ma' daqqa ta' ponn[20].

Anke l-hsara fin-nuccali ta' Carmel Felice, ukoll b'konsegwenza ta' l-aggressjoni da parte ta' l-akkuzat, tirrizulta debitament ippruvata. In effetti l-Ispettur Fabian Fleri esebixxa *order slip* u zewg ricevuti datati rispettivament 21 ta' Lulju 2008 u 2 ta' Awwissu 2008 mahruga minn Tuaco Opticians ghall-valur komplessiv ta' €139.26[21], rapprezentanti l-ispiza inkorsa minn Carmel Felice biex akkwista nuccali gdid. L-istess Carmel Felice ikkonferma li d-dokument Dok. "SNP1" a fol. 65 tal-process *hija ricevuta meta jien mort naghmel in-nuccali wara li in-nuccali kien inkisirli. Nghid li fil-fatt kien kissiruli l-imputat James Demanuele li qed naghrfu prezenti fl-Awla u dwar dana jiena diga xehedt fid-desposizzjoni tieghi li jiena tajt fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Settembru elfejn u tmienja (2008). Nghid il-valur indikat fuq din l-ircevuta jiena fil-fatt kelli nhallsu biex naghmel in-nuccali[22].* Anthony Dimech, proprjetarju tal-kumpanija Tuaco Opticians, ikkonferma li d-dokument in kwistjoni *hija ricevuta rilaxxata mill-kumpanija taghna. Nghid mill-ammonti ndikati fuq l-istess ricevuta nipprezumi li din hija rigwardanti xi nuccali. … In kwantu ghall-prezzijiet indikati fuq id-dokument li ghadni kif ghamilt referenza ghalih, il-prezzijiet indikati fuq dana d-dokument m'humiex prezzijiet li jkunu ghandhom x'jaqsmu ma' contact lenses[23].*

Minn dan kollu ghalhekk jirrizulta li bhala fatt Carmel Felice gie aggredit mill-akkuzat, kif issa ammess mill-istess akkuzat, u b'konsegwenza ta' din l-aggrezzjoni huwa sofra griehi ta' natura hafifa kif ukoll danni peress illi

[19] Dok. "FB4" a fol. 27 tal-process.
[20] Xhieda moghtija mit-Tabib Michael John Balzan waqt is-seduta ta' l-4 ta' Frar 2009, a fol. 76 u 77 tal-process.
[21] Dok. "SNP1" a fol. 65 tal-process.
[22] Xhieda moghtija minn Carmel Felice waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2008, a fol. 66 u 67 tal-process.
[23] Xhieda moghtija minn Anthony Dimech waqt is-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2010, a fol. 87 u 88 tal-process.

kellu jixtri nuccali gdid flok dak li inkisirlu b'rizultat ta' din l-aggressjoni. Apparte minn hekk jirrizulta wkoll li l-akkuzat bl-agir tieghu kiser il-bon ordni u paci pubblika.

In kwantu rigwarda t-theddid fil-konfront ta' Helena Maria Felice, gie ampjament u debitament ippruvat mill-Prosekuzzjoni li l-akkuzat diversi drabi hedded lil Helena Maria Felice u lill-familjari taghha u effettivament instab hati ta' tali reat fil-konfront taghhom iktar minn darba, b'okkazzjoni minnhom jinstab hati ta' reat ferm iktar serju fil-konfront ta' Helena Maria Felice[24]. B'hekk fl-isfond ta' dan kollu u fid-dawl tax-xhieda xejn konvincenti moghtija mill-akkuzat il-Qorti hi konvinta li, kif issa del resto ammess mill-istess akkuzat, huwa effettivament hedded lil Helena Maria Felice dakinhar tat-12 ta' Lulju 2008 gewwa Triq La Sengle, Marsascala, ghall-habta ta' 20:45hrs, u konsegwentement kiser il-provvedimenti tal-garanzija ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, imposti fuqu bis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. James Demanuele" deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Settembru 2007.

Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-agir ta' l-akkuzat effettivament jaghti lok ghall-ksur ta' diversi garanziji ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, imposti fuq l-istess akkuzat b'diversi sentenzi tal-Qorti[25]. Madanakollu huwa qed jigi akkuzat biss bil-ksur tal-garanzija imposta fuqu bis-sentenza pronuncjata minn din il-Qorti fil-11 ta' Settembru 2007 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. James Demanuele", u ghalhekk il-Qorti tista' u ghandha tikkonsidra din is-sentenza biss ghall-finijiet tas-sanzjoni applikabbli fil-konfront ta' l-akkuzat ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[24] Vide fedina penali ta' l-akkuzat "Dok. FB2" a fol. 6 sa' 21 tal-process u diversi sentenzi pronuncjati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali esebiti u markati bhala Dok. "FB7" a fol. 31 u 32 tal-process, Dok. "FB8" a fol. 33 sa' 36 tal-process, Dok. "FB9" a fol. 37 sa' 53 tal-process u Dok. "BFP1" a fol. 97 sa' 99 tal-process.

[25] Il-Pulizija v. James Demanuele deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-3 ta' Ottubru 2007, Dok. "FB7" a fol. 31 u 32 tal-process, Il-Pulizija v. James Demanuele deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fil-11 ta' Settembru 2007, Dok. "FB9" a fol. 37 sa' 53 tal-process u Il-Pulizija v. James Demanuele deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-8 ta' April 2008, Dok. "BFP1" a fol. 97 sa' 99 tal-process.

Fil-fehma tal-Qorti anke l-akkuza tar-recidiva, illum ukoll ammessa mill-akkuzat, giet fi kwalunkwe debitament ippruvata mill-Prosekuzzjoni bid-diversi sentenzi pronuncjati fil-konfront ta’ l-akkuzat minnha esebiti u bix-xhieda ta’ l-Ispettur Anzjan Anthony Cassar li, waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ Frar 2009 b’referenza ghad-dokument Dok. “FP7” a fol. 31 u 32 tal-process xehed: *din hija vera kopja fotostatika ta’ l-original ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magsitrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, seduta Distrett Zabbar, moghtija mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli u hija fl-ismijiet il-Pulizija vs James Demanuele. Hija datata 3 ta’ Ottubru 2007. Nikkonferma li jiena kon Ufficjal Prosekutur rigwardanti l-kawza li nghatat dwarha din is-sentenza li qed naghmel referenza ghaliha li kopja taghha hi esebita bhala Dok. “FB7”. Nikkonferma li qed naghraf l-imputat prezenti fl-Awla James Demanuele riferut fl-istess kopja ta’ sentenza esebita bhala dok. FB7*[26].

Il-Qorti però ma taqbilx mal-Prosekuzzjoni li l-akkuzat irrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta wkoll, oltre li rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 ta’ l-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-imsemmi Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta jittratta dwar il-piena fil-kaz ta’ recidiva f’serq izda, tali artikolu ma huwiex applikabbli fil-kaz in ezami in kwantu f’dawn il-proceduri ma tressqet ebda akkuza fil-konfront ta’ l-akkuzat li tittratta dwar reat ta’ serq kontemplat ta’ l-Artikolu 261 *et sequitur* tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta. B’hekk ghall-finijiet tar-reat ta’ recidiva u tal-piena konsegwenzjali l-Qorti ser tikkonsidra u tapplika biss l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fid-dawl ta’ dan kollu osservat u fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ htija ta’ l-akkuzat ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ssib lill-akkuzat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontrih.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ma tistax, minkejja l-ammissjoni ta’ htija rregistrata mill-akkuzat waqt is-seduta

[26] Fol. 78 u 79 tal-process.

tad-19 ta’ Jannar 2012 u d-dikjarazzjoni tieghu li iddispjacih talli ghamel u li llum qed jipprova jirriforma ruhu bl-ghajnuna ta’ Probation Officer u bl-ghajnuna li qed jiehu mill-Facilità Korrettiva ta’ Kordin, tinjora l-gravità tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-akkuzat, gravità li tirrizulta l-iktar mill-fatt li hawn si tratta ta’ incidenti ripetuti ma’ Helena Maria Felice u l-familjari taghha.

Huwa principju assodat fis-sistema nostrali li *mhux kull ammissjoni awtomatikament, jew bi dritt, iggib maghha tnaqqis fil-piena. Kull kaz ghandu l-fattispecie tieghu u jekk tinghatax xi mitigazzjoni fil-piena jew le, anke meta jkun hemm ammissjoni fl-istadju bikri ta’ xi proceduri, dan dejjem jibqa’ fid-diskrezzjoni tal-Qorti*[27].

Fil-kaz in ezami, apparte l-fatt li l-akkuzat irregistra ammissjoni fi stadju piuttost inoltrat tal-proceduri, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li f’dawn il-proceduri huwa qed jinstab hati ta’ l-ennesimu incident, li jinkludi wkoll theddid, ma’ Helena Maria Felice u l-familjari taghhom, fosthom Carmel Felice. Mill-atti processwali u senjatament mill-fedina penali ta’ l-akkuzat[28] jirrizulta li già qabel l-incident tat-12 ta’ Lulju 2008 meritu ta’ dawn il-proceduri, l-akkuzat kien diversi drabi tressaq il-Qorti u nstab hati ta’ akkuzi simili ghal dawk odjerni u anke akkuzi iktar serji fil-konfront ta’ Helena Maria Felice u l-familjari taghha, partikolarment l-akkuza, li taghha nstab hati b’sentenza ta’ din il-Qorti tat-12 ta’ Jannar 2004 u kkonfermata mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-10 ta’ Novembru 2004, li *f’Wied il-Ghajn nhar il-11.8.99 ghall-habta ta’ 5:00p.m. permezz ta’ strument bil-ponta li jniggez u li jaqta’ ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta’ Helena Felice, liema offiza giet maghmula b’ferita li dahlet f’wahda mill-kavitajiet tal-gisem skond kif gie certifikat minn diversi tobba ta’ l-Isptar San Luqa*. Ciò nonostante l-akkuzat injora ghal kollox il-pieni u sanzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti fis-sentenzi pronuncjati kontra tieghu u baqa’ jippersisti fl-agir tieghu ta’ theddid u vjolenza fil-konfront ta’ Helena Maria Felice u l-familja taghha. B’hekk fil-fehma tal-Qorti ghandha tigi imposta fil-

---

[27] Il-Pulizija v. Grazio Calleja, Appell Nru. 271/00, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-16 ta’ Mejju 2001.
[28] Dok. “FB2” a fol. 6 sa’ 21 tal-process.

konfront ta’ l-akkuzat piena idoneja ghac-cirkostanzi kollha li jinkwadraw fis-sitwazzjoni in ezami.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet u wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(d), 31, 49, 50, 214, 221(1), 325(1)(b), 338(dd), 339(e), 383 u 387(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-akkuzat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti tikkundannah ghal tlettax-il (13) xahar prigunerija. In oltre, ai termini ta’ l-Artikolu 387(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li s-somma ta’ €465.87, ekwivalenti ghal Lm200, rapprezentanti s-somma li ghaliha kien obbliga ruhu l-akkuzat ghall-finijiet tas-sentenza fl-ismijiet “Il-Pulizija v. James Demanuele” deciza minn din il-Qorti fil-11 ta’ Settembru 2007, tghaddi favur il-Gvern ta’ Malta.

Ai termini ta’ l-Artikolu 532A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna lill-akkuzat ihallas lil Carmel Felice s-somma ta’ €139.26 rapprezentanti d-danni, ossia spiza ghall-akkwist ta’ nuccali gdid, sofferti mill-istess Felice b’konsegwenza ta’ l-aggressjoni da parte ta’ l-akkuzat.

Ai termini ta’ l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghall-fini li tipprovdi ghas-sigurtà ta’ Carmel Felice u ta’ Helena Maria Felice u sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku l-Qorti torbot lill-akkuzat b’obbligazzjoni personali ta’ €1,165.00 ghal zmien sena li ai termini ta’ l-Artikolu 383(3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandu jibda jghaddi minn dakinhar li l-akkuzat ikun skonta l-piena ta’ tlettax-il xahar prigunerija imposti fuqu b’din is-sentenza, u dana skond id-dikjarazzjoni debitament iffirmata mill-akkuzat annessa ma’ din is-sentenza u formanti parti integrali minnha.

In oltre ai termini ta’ l-Artikolu 382A u l-Artikolu 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghall-fini li ulterjorment tipprovdi ghas-sigurtà ta’ Carmel Felice u Helena Maria Felice, il-Qorti qed tqieghed lill-akkuzat taht Ordni ta’ Trazzin ghal perijodu ta’ tlett (3) snin li ghandu jibda jiddekorri minn dakinhar li jiskonta l-piena ta’ tlettax-il xahar prigunerija imposti fuqu b’din is-sentenza u dan taht il-kondizzjonijiet stipulati fid-Digriet relattiv moghti llum

stess u anness ma' din is-sentenza u formanti parti integrali minnha.

Il-Qorti wissiet lill-akkuzat bi kliem semplici l-konsegwenzi legali li jkollu jiffaccja f'kaz li jikser il-garanzija li qed tigi imposta fuqu ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll f'kaz li jikser l-Ordni ta' Trazzin li qed jitqiegħed tahtu bis-sahha ta' Digriet moghti llum stess.

In fine peress illi waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2012 il-Prosekuzzjoni rtirat it-talba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija l-akkuzat jigi kkundannat ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------